## QABAR MINSI

*Ta'* Peter Caruana

Kont minsi minn kulħadd fi xtajta mwarrba,
imħaffer ġewwa l-blat ma' ġenb il-baħar.
U xejn ma tisma' għajr kultant xi karba
ta' meta l-mewġ mal-blat ikun jiftaħar.

Kont qisek qiegħed tgħasses lil xi blata
li fuqha rat xi darba żewġ namrati;
Kont għeri minn kull ħlejqa, u mingħajr għata,
kont donnhok tagħti biss kenn lill-fatati.

Ma sibtlekx fdal ta' iġsma ta' xi bniedem;
lanqas ma sibt ħaxixa tgħammar miegħek!
Donnok xi wieħed midneb u issa niedem,
inħbejt qalb il-għoljiet u l-ħemda tiegħek.

Int, o qabar, fakkartni fil-mewt tagħna.
Meta mmutu ħadd aktar ma jarana.

## LIL ĠESU'

*Ta'* Ġużi Abela

Hallini ngħanni,
mingħajr tiċrita waħda
mill-ħalq ta' tfajla sfiqa,
mingħajr kelma qarrieqa
mill-fomm ta' xi ħabib.

Hallini ngħanni,
mingħajr tbissima ħelwa
mill-fomm ta' tfajla rżina,
mingħajr kelma ħanina
mill-qalb ta' xi ħabib.

Hallini ngħanni,
Bik biss Tbissima Eterna,
Int Kelma dejjem ġdida,
Għax fik il-qalb marida
is-saħħa tagħha ssib.

*Corpus Christi College,*
*Victoria, Awstralja.*



## EPIGRAMMI

# Id-Dinja ta' Madwari

*Ta'* P. P. Saydon

Id-dinja mhux kulħadd jagħrafha fi żmien wieħed. Ftit huma dawk li jagħarfuha f'żogħżithom; il-biċċa l-kbira jagħarfuha fi xjuħithom meta jkunu sa joħorġu minnha; oħrajn ma jagħarfuha qatt. Jien domt ma għaraftha. F'żgħożiti kont naħseb li d-dinja kienet bħal ġnien sabiħ imħawwel b'siġar u ward mill-isbaħ, imsoqqi b'nixxigħat ta' ilma ġieri, imhenni bil-għana ħelu tal-għasafar; kont naħseb li l-bnedmin kollha huma marbutin qalb waħda jħobbu 'l xulxin bħalhom infushom; mibegħda u għira u dak kollu li jista' jifred u jħoll il-għaqda tal-imħabba ma kontx naf x'inhu; minn għalija dak li ma kontx inħoss jien f'qalbi anqas ma kien iħossu ħaddieħor. U f'dal-qerq ħelu għaddejt biċċa kbira minn ħajti, inħobb 'il kulħadd nidħak ma' kulħadd. Imma fl-aħħar id-dinja nebbħitni bil-qerq tal-ħajja u dewwqitni l-imrar tagħha. Il-ward tbiddel f'xewk li jniggeż u jiġraħ, l-għasafar ħelwin saru dbejjeb ħorox, l-ilma safi sar imdardar u msemmem; il-bnedmin ma bqajtx narahom marbutin bir-rabta tal-imħabba, imma maħlulin u mxennqin wieħed minn demm l-ieħor. Id-dinja wrietni xinhi, u jien bgħadtha u ħrabtha. Il-għira, il-mibegħda, ix-xeħħa, ir-regħba, **l-kburija, l-gideb u l-qerq kollu tad-dinja ma għandu l-ebda rokna f'qalbi.** Jien u d-dinja żewġ għedewwa tal-mewt. Emmintha u ħaqritni, u issa, maqtugħ minnha, inħoss f'qalbi hena li qatt ma ħassejtu meta kont ngħix fiha.

Dawn l-epigrammi huma l-karba ta' qalb muġugħa, ta' qalb li ħabbet u ma kenitx maħbuba. Bihom ma ridt nolqot 'il ħadd. Lil kulħadd naħfer. Imma bħalma poeti kbar fissru l-ħass ta' qalbhom f'versi, hekk jien irrid nuri f'dawn l-erba' versi dak li nħoss f'qalbi fil-għabex tal-ħajja.

### ĦBIEB QARRIEQA

Jidher minn barra l-wiċċ ħlewwa u sbuħija,
u tħabbi l-qalb il-qerq u l-ħmieġ go fiha.

L-ewwel jien, imbagħad hija u ħatni miegħu,
ħabib, fil-bżonn nixtrih, bla bżonn, inbigħu.

Għaraft id-deni meta għamiltha mal-ħbieb,
l-imħabba tgħallimtha mill-qtates u l-klieb.